MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Numru 302/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**-vs-**

**Francis Cuschieri**

Kumpilazzjoni Numru 302/2001

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis Cuschieri ta’ 37 sena iben Joseph u Carmen nee` Mizzi u residenti gewwa 8B, Sqaq Vestru, Birkirkara jew 56/2 Triq id-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru, 388070M.

Akkuzat talli:

1. Talli nhar il-15 ta' Novembru, 2000 ghall-habta ta' l-10.45hrs gewwa Triq ir-Republika u Pjazza San Gorg, il-Belt Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-Surgent 1218 Raymond Vella f' periklu car, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAE881 tal-ghamla Fiat 126, fid-direzzjoni ta' l-istess surgent, liema tentattiv ta' ferita gravi ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan ai termini ta' l-artikoli 214, 216(1)(b) u 41(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi b' diversi atti maghmulin b' risoluzzjoni wahda attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe` kontra l-Ispettur Abraham Zammit, l-Ispettur Sandro Gatt, l-Ispettur Neville Aquilina, is-Surgent 1218 Raymond Vella u l-kuntistabbli 89 Joseph Debrincat gewwa Triq ir-Republika, Pjazza San Gorg, il-Belt Valletta u gewwa l-ghassa ta-Pulizija ta' Triq Nofsinhar il-Belt Valletta, filwaqt li kienu qed jagixxu ghal-esekuzzjoni tal-ligi u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq il-persuni ta' l-Ispettur Abraham Zammit, l-Ispettur Sandro Gatt, l-Ispettur Neville Aquilina, is-Surgent 1218 Raymond Vella u l-kuntistabbli 89 Joseph Debrincat u dan ai termini ta' l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilhu mill-ispettur Abraham Zammit, u is-Surgent 1218 Raymond Vella u ohrajn waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan ai termini ta' l-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon odni jew il-paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan ai termini 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen u espressonijiet ta’ dagha u dan ai termini tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAE 881 tal-ghamla Fiat 126 b’ manjiera traskurata u perikoluza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-MVR Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. U aktar talli nhar il-15 ta’ Novembru, 2000 ghall-habta tas-19.20hrs gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta volontajament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-danni tal-Gvern ta’ Malta u dan ai terminu tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. U aktar talli fl-istess data gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta ghall-habta tas-19.20hrs volontarjament ta n-nar jew b’ xi mod iehor qabbad bini jew lok iehor ai termini ta’ l-artikolu 316, 317 u 318 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

10. U aktar talli fl-istess data, gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta ghall-habta tas-19.20hrs attakka jew irrezista bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra s-surgent 1387 Vincent Arnaud, il-kuntistabbli 594 Robert Saliba u l-kuntistabbli 904 Emmanuel Pisani filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan ai termini tal-artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

11. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom

jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq il-persuni ta' s-surgent 1387 Vincent Arnaud, il-kuntistabbli 594 Robert Saliba u l-kuntistabbli 904 Emmanuel Pisani u dan ai termini ta' l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi ghall-habta tas-19:30hrs harab minn post ta' kustodja u cioe` minn gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta bi vjolenza fuq il-persuna tas-Surgent 1387 Vincent Arnaud u kif ukoll bi ksur tal-post tal-kustodja u dan ai termini tal-arikolu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi ghall-habta tas-19:30hrs naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilhu s-surgent 1387 Vincent Arnaud, il-kuntistabbli 594 Robert Saliba u l-kuntistabbli 904 Emmanuel Pisani waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan ai termini ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. U aktar talli fl-istess data, fil-hinijiet ta' l-10:45hrs u fis-19:20hrs gewwa l-Belt Valletta u cioe` fi pjazza San Gorg u gewwa l-ghassa tal-Pulizija fi Triq Nofs in-Nahar, bi vjolenza, jew b' theddid gieghel ufficjali pubblici jaghmlu jew ma jghamlux xi haga li ghandha x' taqsam mal-kariga taghhom u dan ai terminu tal-artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

15. U aktar talli nhar is-17 ta' Novembru, 2000 ghall-habta ta' l-22:00hrs gewwa l-Isptar San Luqa f' tal-Pieta` gewwa s-sala mgharfua bhala 'burns unit' hebb attakka, jew irrezista bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` kontra l-kuntistabbli 594 Robert Saliba filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan ai termini tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

16. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi u cioe` tas-17 ta' Novembru, 2000 ingurja jew hedded lil PC 594 Robert Saliba persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz

pubbliku, waqt li kienu qed jaghmel jew minhabba li kienu qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaw jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz dan ai termini ta’ l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

17. U aktar talli fit-18 ta’ Novembru, 2000 ghall-habta tal-17:15hrs f’ dawn il-gzejjer ghamel uzu minn xi infrastruttura jew apparat ta’ telekomunikazzjni provduti minn provditur awtorizzat ghall-xi ghand li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu mill-provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta’ l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnhu mhux sew u dan bi ksur tal-artikolu 34(d) tal-Att tal-1997 li Jirregola it-Telekomunikazzjoni.

18. U aktar talli nhar it-18 ta’ Novembru, 200, ghall-habta tal-17:15hrs (u cirkostanzi,) ingurja jew hedded persuni ta’ whud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` lill-Ispettur Mario Tonna, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u dan ai termini tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

19. U aktar talli nhar il-21, 22 u 25 ta’ Novembru, 2000 f’ hinijiet differenti gewwa l-isptar San Luqa f’ Gwardamangia halef fil-falz quddiem l-ufficjal li ghandu s-setgha li jaghti l-gurament u cioe` quddiem l-Avukat Dr. Vincent Galea LL.D. persuna mahtur waqt inkjesta Magisterjali u dan ai terminu tal-artikolu 108(1)(a) u 109(1)(2).

20. U aktar talli fil-granet, hinijiet u postijiet imsemmija holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu jiswew ta’ prova kontra persuni ohra, u cioe` kontra l-ispettur Abraham Zammit, l-Ispettur Neville Aquilina, l-Ispettur Sandro Gatt is-Surgent 1387 Vincent Arnaud u l-kuntistabbli l-ohra msemmija hawn fuq bil-hsieb li b’ hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati

jew misjuba hatja ta' reat billi iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan ai termini tal-artikolu 110(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma l-imputat bhala recediv u dan talli nhar il-5 ta' Novembru, 1996 gie misjub hati li kien fil-pussess tad-droga eroina mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta f' Awla 7 u kif ukoll b' diversi sentenzi ohra mill-istess Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' l-Ispettur Abraham Zammit, L-Ispettur Sandro Gatt, l-Ispettur Neville Aquilina, l-Ispettur Mario Tonna, is-Surgenti 1218 R. Vella, 1387 V. Arnaud, il-kuntistabbli 89 J. Debrincat, 594 R. Saliba u 904 E. Pisani u ohrajn il-kundizzjonijiet li jihrilha xierqa u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ulterjorment il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan skond il-ligi.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali[1] li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din l-Qorti kif mahsub taht l-artikoli

a. 214, 216, 41(1)(a) tal-Kap 9;
b. 18, 96 tal-Kap 9;
c. 18, 95 tal-Kap 9;
d. 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342 tal-Kap 9;
e. 15(1)(a) tal-Kap 65;
f. 325(b) tal-Kap 9;
g. 316(b), 317, 318 tal-Kap 9;
h. 152 tal-Kap 9;
i. 91 tal-Kap 9;
j. 34 ta'l-Att li Jirregola t-Telekomunikazzjoni;
k. 108, 109, 110 tal-Kap 9;
l. 49, 50 tal-Kap 9.

[1] A fol 67 tal-process.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti processwali kollha.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta'l-imputat jirreferu ghal diversi episodji u fatti li sehhew bejn il-15 u l-25 ta' Novembru tas-sena 2000. Dak li gara u li wassal biex jinbdew dawn il-proceduri jista' jigi riassunt fil-qosor bis-segwenti mod.

Illi nhar il-15 ta' Novembru 2000 ghall-habta ta'l-10.45am l-imputat prova jipparkja f'Pjazza San Gorg il-Belt kontra l-ordnijiet lilu mghotija mis-surgent li kien duty fil-pjazza; l-imputat saq ghal fuq is-surgent u intervjenew xi pulizija ohra li kienu f'l-inhawi biex jikkontrollaw lill-imputat u anke jarrestawh. L-imputat irrezista l-arrest u l-ordnijiet lilu mghotija u kellha tintuza l-forza biex jiddahhal f'karozza u jittiehed l-ghassa tal-Belt. Meta waslu l-ghassa l-imputat kompla jinjora l-ordnijiet li bdew jinghatawlu, kompla jirrezisti l-arrest u regghet kellha tintuza l-forza biex jiddahhal fic-cella. Ghal xi hin is-sitwazzjoni kkalmat relattivament ghalkemm l-imputat minn goc-cella beda jghajjat u jesiegi hafna affarijiet inkluz sigaretti u pinolli. Meta wasal l-Ispettur f'l-ghassa bdiet tittiehed l-istaqarrija ta'l-imputat li allega li l-pulizija sawwtuh u weggawh u serquh. L-ispettur ghalhekk issospenda t-tehied ta'l-istqarrija u baghat ghal tabib; it-tabib gie, ezamina lill-imputat pero ma sab xejn li seta jindika li kien qala xi xeba'; hu anke irrilaxxja certifikat. Tkompla t-tehied ta'l-istqarrija u wara l-imputat inzamm arrestat biex jittressaq b'urgenza l-Qorti dwar l-incidenti li kienu sehhew fil-ghodu. Fil-frattemp l-imputat ittiehed id-Detox Centre biex ikun jista jiehu l-metadone. Meta l-imputat ingieb lura mid-Detox Centre s-sitwazzjoni kienet ghada relattivament kalma b'l-imputat jghajjat u jitlob ghas-sigaretti pero mizmum fic-cella. Eventwalment l-imputat ikwieta, pero

wara xi hin rega  beda jghajjat din il-darba ghall-ghajjut; l-pulizija marru jara x'gara: kien qabad nar fic-cella fejn kien hemm l-imputat. Il-pulizija hargu lill-imputat mic-cella; hu kien diga inharaq f'hafna partijiet ta' gismu. Harguh fir-reception area 'l boghod min-nar; hemm minkejja l-istat li kien fih l-imputat rega' beda jiggieled mal-pulizija, tefa' telephone fid-direzzjoni taghhom, u harab billi hareg jigri mill-ghassa. Il-pulizija telqu warajh u qabduh fit-triq aktar 'l-isfel mill-ghassa; hu beda jirrezisti l-arrest, b'xi mod gebbduh lejn l-ghassa, hemm intefa ma'l-art u kompla jirrezisti u jghati bis-sieq, tefa' ashtray u laqat lis-surgent f'wiccu. F'din is-sitwazzjoni l-pulizija hasbu li sakemm tigi l-ambulanza kellhom jergaw idahhlu lill-imputat f'cella (differenti minn dik li kienet inharqet); b'diffikulta kbira hekk ghamlu. Giet l-ambulanza u l-imputat ittiehed l-isptar immanettjat ghaliex lanqas f'l-ambulanza ma ried jidhol. Tul dan il-hin kollu (minn meta harab mill-ghassa sakemm ittiehed l-isptar) l-imputat beda jallega li kienu l-pulizija li harquh u beda jghajjat biex jigu tat-television ha jaraw x'gara. L-isptar l-imputat qatta' xi xahrejn qabel iz-zmien kontra l-pariri medici. F'l-ewwel granet tar-rikoveru ta'l-imputat f'l-isptar spettur cempel lill-mart l-imputat biex isiru arrangamenti dwar xi effetti personali ta'l-imputat li kienu fil-pussess tal-pulizija; l-imputat qabad it-telephone cellulari li kienet qed titkellem fuqu martu u beda jghajjar u jinsolenta lill-ispettur. Waqt ir-rikoveru ta'l-imputat f'l-isptar inqalaw diversi battibekki u argumenti mal-pulizija li kien ikun hemm skorta mieghu. Minhabba dawn l-incidenti kollha u b'mod partikolari l-incendju li kien hemm f'l-ghassa u minhabba l-allegazzjonijiet li ghamel l-imputat fil-konfront tal-pulizija saret inkjesta magisterjali li fiha inqabdu diversi esperti.

Illi l-persuni koncernti f'dawn id-diversi incidenti kollha taw il-verzjonijiet taghhom. L-imputat irrilaxxja stqarrija[2] dwar l-incidenti li sehhew fi Pjazza San Gorgu u f'l-ewwel hinijiet li kien qieghed l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt; hu xehed ukoll kemm quddiem l-Avv Dr Vincent Galea nominat bhala espert f'l-inkjesta (li l-proces verbal taghha huma esebiet

[2] Esbieta bhala Dok MT8 f'l-envelope a fol 14 tal-process.

in atti[3]) kif ukoll quddiem din l-Qorti kif presjeduta; il-pulizija kollha li b'xi mod jew iehor kellhom x'jaqsmu mad-diversi incidenti xehedu kemm waqt l-inkjesta u/jew quddiem din il-Qorti.

Illi l-ewwel sebgha imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirreferu ghal dak li gara nhar il-15 ta' Novembru 2000 ghall-habta ta'10.45am meta l-imputat prova jipparkja l-vettura tieghu f' Pjazza San Gorg il-Belt Valletta u ghal dak li gara immedjatament wara meta l-Pulizija irnexxielhom jiehdu lill-imputat l-ghassa tal-Belt.

Illi mid-depozizzjonijiet tal-pulizija koncernati jirrizulta li l-imputat ried jipparkja l-vettura tieghu f'dik il-parti ta' Pjazza San Gorg li hija rizervata ghall-membri tal-Parlament. Hemm kien hemm duty PS1218 Raymond Vella li waqqaf lill-imputat. Is-Surgent informa lill-imputat li ma setghax jipparkja hemm pero l-imputat baqa jinsisti li jipparkja hemm u ma riedx jitlaq. F'daqqa wahda l-imputat qabad isuq b'velocita dritt fid-direzzjoni tas-surgent li kellu jintefa f' genb biex ma jintlaqatx. Il-vettura waqfet ezatti ma saqajn is-surgent, l-imputat hareg mill-vettura tieghu u mar ghal fuq is-surgent. Dak il-hin man-naha l-ohta tat-triq hdejn il-Palazz kien hemm l-Ispettur Abraham Zammit, l-Ispettur (illum Supretendent) Sandro Gatt u l-Ispettur (illum supretendent) Neville Aquilina li malli raw x'kien qed jigri marru hdejn l-imputat u s-surgent Vella. Dak il-hin tfacca ukoll PC89 Joseph Debrincat li kien ghadu kif hareg mill-Palazz fejn kien qieghed duty.

Illi peress li l-imputat m'obdiex l-ewwel ordnijiet biex inehhi l-vettura tieghu min-nofs gie deciz li l-imputat ghandu jigi arrestat u jittiehed l-ghassa tal-Belt; ghal dan il-ghan kienet ser tintuza vettura tal-pulizija li dak il-hin insertat kienet ghaddejja minn hemm. L-imputat pero irrifjuta li jidhol fil-vettura u beda jirrezisti fizikament billi jzomm b'idejh u saqajh. Il-Pulizija hawn fuq imsemmija rnexxielhom idahhlu lill-imputat fil-vettura billi xi hadd

[3] L-atti relattivi insabu fit-tieni volum u f'l-ewwel parti tat-tielet volum ta'l-atti processwali.

imbuttah minn barra u xi hadd gibdu minn gewwa l-vettura.

Illi tul dan il-hin kollu l-imputat beda jghajjat, jitkellem hazin u jidghi[4] u anke beda jghajjat biex tisimaw martu u kull min seta kien ghaddej fil-vicinanzi li l-pulizija kienu qed isawwtuh.

Illi meta waslu l-ghassa tal-Belt l-imputat xorta baqa jirrezisti; la ried li l-pulizija jaghmlulu search u lanqas ried li jdahhluh fic-cella u beda jaghmel forza biex ma jiddahhalx fic-cella. Anke hawn l-imputat beda juza kliem offenziv fil-konfront tal-Pulizija. Dawn pero irnexxielhom idahhluh fic-cella u ghal xi ftit hin is-sitwazzjoni ikkalmat.

Illi dawn il-fatti jirrizultaw mhux biss mid-depozizzjoni tal-pulizija koncernati imma huma korroborati fil-bicca ‘l kbira taghhom ex admissis mill-imputat fid-depozizzjoni tieghu. B’mod partikolari huwa jghid li ried jipparkja fil-parti rizervata tal-pjazza; li minkejja li PS1518 Raymond Vella qallu biex jitlaq huwa baqa jinsisti li jipparkja hemm u li kontra l-ordnijiet li tah l-istess surgent saq biex jidhol fil-parking area; jghid li meta gew il-pulizija l-ohra u riedu jihduh l-ghassa huwa ma riedx jidhol fil-vettura taghhom u li beda jzomm b’saqajh u idejh. Jghid li dak il-hin beda jghajjat li l-pulizija qed isawtuh. L-imputat jghid ukoll li meta marru l-ghassa beda jiggieled mal-pulizija ghax ma riedx ihalliehom jaghmlulu search u lanqas ma ried jidhol fic-cella.

Illi l-ewwel imputazzjoni relatat ma dan l-incident hija dik ta’ attentat ta’ feriti gravi. M’hemmx dubbju li meta persuna ssuq vettura b’velocita fid-direzzjoni ta’ persuna li tkun wieqfa l-konsegwenza prevedibbli ta’ dan l-agir hija li dik il-persuna ser tintlaqat u li ser tkorri b’mod gravi. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

---

[4] Ref xhieda PS1218 Raymond Vella a fol 52D, xhieda PC894 Alfred Cassar, xhieda Spet Sandro Gatt a fol 182.

Illi dan it-tip ta’ sewqan huwa bla dubbju sewqan perikoluz; konsegwentement anke is-sebgha imputazzjoni hija pruvata.

Illi minn ezami tal-fatti kif fuq spejgat m’hemmx dubbju li l-imputat naqas li jobdi ordnijiet legittimi tal-pulizija mghotija lilu, u li attakka b’rezistenza lill-pulizija hawn fuq imsemmija. Lanqas hemm dubbju li l-imputat kiser l-buon ordni u l-paci pubblika u li qal kliem oxxenn u dagha. Ghalhekk jirrizultaw sodisfacjentement pruvati wkoll it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet.

Illi s-sitt imputazzjonijiet segwenti (cioe mit-tmien sat-tlettax il-imputazzjoni) jirrigwardaw fatti li komplew jisvolgu ftit tal-hin wara f’l-ghassa tal-Belt.

Illi mid-depozizzjonijiet tal-pulizija koncernati jirrizulta li wara li l-imputat idahhal fic-cella huwa beda jistaqsi ghal sigaretti u pinolli. Kien hemm xi battibekki pero ma kien hemm l-ebda incident ta’ rilevanza. L-imputat ittiehed quddiem l-Ispettur Mario Tonna biex jirrilaxxja stqarrija; din giet sospieza minhabba li l-imputat rega allega, din id-darba ma’l-ispettur, li huwa gie imsawwat. L-ispettur sejjah tabib mill-policlinic tal-Furjana. Dan gie l-ghassa, invista lill-imputat pero hu ma kkonstata xejn li setghet kienet kompatibbli ma dak li kien qed jallega l-imputat; it-tabib irrilaxxja certifikat[5]. Ftit wara l-Ispettur kompla jiehu l-istqarrija ta’l-imputat li mbaghad baqa’ jinzamm arrestat sabiex jitressaq l-Qorti b’imputazzjonijiet relatati ma’l-incidenti li kienu sehhew qabel u li huma mertu ta’l-ewwel sebgha imputazzjonijiet. Waqt li l-imputat kien qieghed arrestat huwa ittiehed id-Detox Centre ghax kien sarlu l-hin biex jiehu l-metadone. Tul dan il-hin l-affarijiet kienu relattivament kalmi. Is-sitwazzjoni hadet zvolta ohra ghall-habta tas-7.20pm.

Illi mid-depozizzjoni ta’ PS1387 Vince Arnaud u PC904 Emanuel Pisani u anke PC594 Robert Saliba jirrizulta s-segwenti. L-imputat (li kien ghadu mizmum arrestat fic-cella) beda jghajjat u jitkellem hazin tant li beda jinstema

[5] Esebiet bhala Dok MT3 f’l-envelope a fol 14 tal-process u anke a fol 104.

minn barra fir-reception area ta'l-ghassa fejn, minbarra l-pulizija, kien hemm xi nies ohra. Dak il-hin f'l-ghassa zgur li kien hemm l-imsemmija PS1387 Vince Arnaud u PC904 Emanuel Pisani u certa Louise Bugeja. Minhabba l-istorbju li kien qed jaghmel l-imputat inghalqet it-trapna tal-bieb tac-cella u anke l-bieb li jghati ghar-reception area; minkejja dan xorta baqa jinstema.

Illi ghal xi hin l-imputat sieket pero wara rega' beda jinstema jghajjat; din id-darba beda jghid "ajma" jew "ghajjut". Dahlu z-zewg pulizija fil-kurudur, raw dahna sewda gejja minn taht il-bieb tac-cella. Huma raw kif ghamlu u fethu c-cella fejn kien hemm nar, is-surgent hareg lill-imputat li kellu sinjali ta' hruq ma gismu.

Illi l-imputat inhareg fir-reception area u tpogga fuq bank fil-waqt li cemplu ghall-ambulanza u c-Civil Protection ghat-tifi tan-nar. L-imsemmija pulizija jirrakkontaw li l-imputat, minkejja l-hruq li kellu, rega' beda jargumenta maghhom u ma ridx joghqod fuq il-bank, qabad telephone u waddbu fid-direzzjoni tas-surgent Arnaud u telaq jigri 'l barra mill-ghassa. L-istess zewg pulizija telqu jigru warajh. Dak il-hin inserta kien gej PC594 Robert Saliba minn fejn kien duty hdejn Castilja; ra lill-imputat jigri u z-zewg kollegi jigru warajh ghalhekk mar hu ukoll jigri wara l-imputat. Lill-imputat lahquh ftit 'l isfel fit-triq, qabduh mill-jeans u haduh lejn l-ghassa pero anke hawn l-imputat beda jirrezisti, beda jghajjat biex jisimawh in-nies li l-pulizija kienu harquh u li qed isawwtuh.

Illi l-imputat rega ttiehed l-ghassa pero hemm fil-waqt li baqa jirrezisti, intefa' ma'l-art u beda jissara mal-pulizija u sahansitra qabad ashtray u waddbu fid-direzzjoni tas-surgent Arnaud u laqtu f'wiccu. Minhabba li l-imputat assolutament ma ridx jikkalma rega iddahhal f'cella (ohra). Anke f'dan l-istadju kompla bir-rezistenza pero iddahhal fic-cella u nzamm hemm sakemm giet l-ambulanza; fil-hin li dam f'din ic-cella ikkawza xi hsara hemm ukoll billi qala s-serpentina tas-sink.

Illi l-verzjoni ta' fatti mghotija mit-tlett pulizija hawn fuq imsemmija giet korroborata in parti minn Louise Bugeja u

in parti mill-istess imputat. L-akbar divergenza fil-verzjoni tal-fatti kif mghotija mill-pulizija koncernati min-naha u kif mghotja mill-imputat min-naha l-ohra tirreferi ghall-mod kif beda il-hruq fic-cella. F'dan ir-rigward il-Qorti tghamel referenza ghar-rapport ferm dettaljat ta'l-espert il-Professur Alfred Vella li mhux biss spjega kif seta' beda in-nar imma anke eskluda li n-nar seta beda kif allega l-imputat[6].

Illi minn ezami tal-verzjonijiet mghotija mill-pulizija koncernati u mill-imsemmija Louise Bugeja u anke minn dak li qal l-istess imputat u wara li ezaminat bir-reqqa r-rapporti ta'l-esperti teknici nominati f'l-inkjesta relattiva l-Qorti hija sodisfatta li kien l-imputat li qabbad in-nar fic-cella ta'l-ghassa.

Illi l-Qorti hija sodisfatta ukoll li l-imputat huwa responsabbli ghall-hsarat ikkawzati bit-tfih tat-telephone u l-ashtray kif ukoll ghal-hsara li giet ikkawzata fit-tieni cella u cioe il-ksur tas-serpentina tas-sink; dawn il-hsarat huma deskritti fir-relazzjoni ta'l-espert tekniku l-Perit Valerio Schembri[7].

Illi ta min jirrileva li ai fini ta'l-artikolu 325 tal-Kap 9 il-Qorti tista' tiehu biss in konsiderazzjoni l-hsarat li ma gewx ikkawzati min-nirien. Dan ghaliex dan l-artikolu jirreferi ghal *kull min b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin f'l-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew igharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli*. L-artikoli ta' qabel huma dawk li jirreferu ghal hsara kkawzata inter alia minn hruq. Konsegwentement biex, ai fini ta' l-artikolu 325, jigi stabbilit liema paragrafu tas-subartikolu 1 huwa applikabbli, dak li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa il-kwantum tad-danni kawzati b'mezzi distinti mill-hruq[8].

Illi ghalkemm dawn il-danni huma elenkati fir-relazzjoni tal-perit Schembri m'humiex ikwantifikati. Huwa principju

---

[6] Esebiet bhala Dok AV a fol 91 ta'l-atti ta'inkjesta.
[7] Esebieta bhala Dol VS a fol 34 ta'l-atti ta'l-inkjesta; ref para 3 u 7.
[8] Ref Pulizija vs Valentine Sciberras Appell Kriminali 11.01.07.

stabbilit fil-gurisprudenza taghna li l-kwantum tad-danni jista' jigi stabbilit jew minn espert nominat ghal dak il-ghan, jew mix-xhiedha tal-parte leza li tghid kemm effettivament hallset, jew minn apprezzament tal-gudikant[9]. Fil-kaz in ezami l-apprezzament qed isir mill-Qorti li m'ghandhiex ezitazzjoni biex tistabbillixxi l-kwantum tad-danni bejn €11.65 u €116.47 u cioe fil-limitu ta' dak predispost f'l-artiklu 325(1)(c).

Illi jirrizulta wkoll sodisfacjentement pruvat li l-imputat attakka u rrezista lit-tlett pulizija msemmija; li m'obdiex ordnijiet legittimi taghhom, u li ingurjahom, kif ukoll li harab minn post ta' kustodja.

Illi ghalhekk jirrizultaw ampjament puvati t-tmien, id-disa', l-ghaxar, il-hdax, it-tnax u t-tlettax il-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat kif fuq indikat.

Illi l-erbatax il-imputazzjoni tirreferi ghal vjolenza u theddied kontra l-pulizija hawn fuq imsemmija waqt iz-zewg episodji u cioe kemm fil-ghodu f'Pjazza San Gorg u immedjatament wara f'l-ghassa, kif ukoll aktar tard meta l-imputat qabbad in-nar fic-cella u l-incidenti ta' wara. Illi mill-fatti kif jirrizultaw, relativi ghal dawn iz-zewg episodji, u kif huma fuq esposti din l-imputazzjoni tirrizulta ampjament pruvata ukoll.

Illi l-hmistax u s-sittax il-imputazzjoni jrrigwardaw fatti li graw meta l-imputat kien rikoverat fil-burns unit f'l-Isptar San Luqa u li allegatament jikkoncernaw agir ta'l-imputat fil-konfront ta' PC594 Robert Saliba.

Illi l-Qorti rat id-depozzizjonijiet mghotija mill-imsemmi kuntistabbli kemm waqt l-inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti pero minn dawn id-depozizzjonijiet ma jirrizultax li l-imputat b'xi mod hebb ghal, attakka jew irrezista lill-imsemmi PC594 Saliba jew li b'xi mod ingurjah fic-cirkostanzi kwotati f'dawn l-imputazzjonijet. Minn qari ta' dawn id-depozizzjonijiet ma jirrizultax li PC594 Saliba kien

---

[9] Ref Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali 24.02.2003.

il-Burns Unit u li hemm qam xi incident fil-konfront tieghu[10].

Illi fil-waqt li l-imputat innifsu jghid fid-depozizzjoni tieghu li waqt li kien fil-Burns Unit qam xi incident fis-sens li kien qed idejqu l-iskorta li kien hemm mieghu l-isptar u hu (l-imputat) ireagixxa pero f’l-ebda mument ma jissemma PC594 Robert Saliba.

Illi ghalhekk il-hmistax u s-sittax il-imputazzjoni ma jirrizultawx pruvati.

Illi s-sbattax u tmintax il-imputazzjoni jirreferu ghal dak li gara meta l-imputat kien ghadu l-Burns Unit u l-Ispettur Mario Tonna cempel lill mart l-imputat (Lorraine Cuschieri) biex jaghmel arrangamenti maghha biex hi tigbor xi effetti personali ta’l-imputat li kienu ghadhom fil-pussess tal-pulizija.

Illi jirrizulta mid-depozizzjoni ta’l-imsemmi Spettur li meta huwa cempel lil Lorriane Cuschieri din kienet hdejn zewgha fil-Burns Unit. Waqt li l-ispettur kien qed ikellimha l-imputat qabad it-telephone cellulari li kienet qed tuza martu u beda jkellmu hu lill-ispettur. L-ispettur Tonna kompla spjega li l-imputat beda juza kliem hazin u offensiv u li l-imputat ghamel xi allegazzjonijiet fil-konfront ta’l-ispettur li kienu jirrigwardaw lil mart l-imputat.

Illi l-verzjoni ta’ fatti mghotija mill-Ispettur Tonna hija kwazi f’l-intier taghha korroborata minn dak li qal l-istess imputat fid-depozizzjoni tieghu. L-imputat fil-fatt jghid li waqt li martu kienet qed tkellem lill-Ispettur Tonna fuq it-telephone dwar xi affarijiet tieghu li kienu ghadhom ghand il-Pulizija huwa qabad it-telephone biex ikellem lill-ispettur u kellmu hazin; l-imputat qal ukoll lill-Ispettur li qed jaqbad ma’ martu (cioe li l-ispettur qed jaqbad ma’ mart l-imputat).

---

[10] Ref depozizzjoni a fol 52J tal-process; depozizzjoni a fol 193 u a fol 210 ta’l-atti t’l-inkjesta.

Illi ghalhekk ma jezisti l-ebda dubbju li dawn iz-zewg imputazzjonijiet (is-sbattax u t-tmintax il-wahda) jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi l-ghoxrin imputazzjoni tirreferi ghall-perjodu bejn il-15 u l-25 ta' Novembru 2000 u hija dik ta' kalunja reali (jew diretta) fil-konfront ta'l-Ispetturi Abraham Zammit, Neville Aquilina, u Sandro Gatt, fil-konfront ta' PS1387 Vince Arnaud u PS1218 Raymond Vella, PC89 Joseph Brincat, PC954 Robert Saliba, u PC904 Emanuel Pisani, kif ukoll simulazzjoni diretta ta' reat in kwantu ddenuncja reat, u simulazzjoni indiretta in kwantu l-imputat holoq tracci ta' reat.

Illi biex jissussisti r-reat ta' kalunja reali mhux bizzejjed il-kliem li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna[11].

Illi dwar is-simulazzjoni tar-reat, din tista' tkun verbali (indiretta) u tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-pulizija reat li jkun jaf li ma sarx; u tista' tkun ukoll reali (indiretta) u tavvera ruhha meta wiehed b'qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali biex jassiguraw li dak ir-reat kien sar[12].

Illi fattwalment m'hemmx dubbju li l-imputat holoq tracci jew indizji materjali ta' reat meta qabbad in-nar fic-cella ta'l-ghassa tal-Belt, u li dawn il-fatti wasslu biex inbdew proceduri kriminali biex jassiguraw li dan ir-reat sar, tant li kellha ssir inkjesta magisterjali. Pero mill-atti ma jirrizultax li l-imputat imputa dan il-fatt lil xi persuna partikolari[13]. Mill-atti kollha in generali, u anke b'mod partikolari minn qari tad-depozizzjonijiet tieghu (mghotija quddiem Dr Vince

[11] Ref Pulizija vs David Mizzi Appell Kriminali 16.02.1998
[12] Ref Pulizija vs Davis Mizzi op cit.
[13] Ref Pulizija vs Valentine Sciberras op cit

Galea[14]), l-imputat qatt ma ndika xi persuna suspettata bil-hruq tac-cella.

Illi ghalhekk b’referenza ghall-episodju tal-hruq tac-cella jirrizulta pruvat biss ir-reat ta’ simulazzjoni reali komtemplat fit-tieni parti ta’l-artikolu 110(2) u mhux dak ta kalunja’ reali kontemplat f’artikolu 110(1).

Illi fattwalment jirrizulta li l-imputat allega li huwa ssawwat kemm meta kien qieghed f’Pjazza San Gorg, kif ukoll diversi drabi meta kien qieghed l-ghassa tal-Belt. Dawn l-allegazzjonijiet ghamilhom kemm meta kien qed jirilaxxja l-istqarrija kif ukoll meta kien qed jixhed quddiem Dr Vincent Galea.

Illi huwa principju ben stabbilit li biex tigi pruvata s-simulazzjoni ta’ reat jehtieg li r-reat denunzjat ma jkunx sehh[15]. Konsegwentement jehtieg li l-ewwel jigi stabbilit jekk r-reat denuncjat mill-imputat sehhx jew le. F’dan ir-rigward apparti d-depozizzjonijet tal-pulizija u ta’l-imputat u ta’ Dr Ramon Tonna ghandha issir referenza ghar-relazzjoni ta’ l-espert forensiku Dr Mario Scerri[16].

Illi kif diga ntqal meta Dr Ramon Tonna ezamina lill-imputat fil-15 ta’ Novembru 2000 fis-2.00pm huwa ma ra xejn f’l-imputat ta’ riljev tant li fic-certifikat li rrilaxxja kull ma seta jinnota kien li l-imputat kien qed jilmenta minn ugih fi spallejh. Il-qorti thoss li huwa essenzjali li mill-ewwel jigu rilevati s-segwenti fatti.

Illi l-imputat jallega li meta kien f’pjazza San Gorg il-pulizija (hu jsemmi ghaxar pulizija[17]) bdew jghattuh bis-sieq, jimbuttawh u sahanistra bdew jghattuh fuq saqajh u taw diversi daqqiet bil-bieba tal-vettura li kienu qed

[14] Ghall-fini ta’din l-imputazzjoni huwa relevanti dak li qal, allega, jew ghamel l-imputat qabel ma gie akkuzat b’l-imputazzjonijiet odjerni pero ta’ min wiehed jirrileva li lanqas meta iddepona quddiem din il-Qorti ma imputa l-fatt tal-hruq lil xi persuna jew persuni partikolari.
[15] Antolisei: Manuele di Diritto Penale Giuffre 14 Edizione pagna 460.
[16] Esebieta bhala Dok MS a fol 59 ta’l-atti ta’l-inkjesta.
[17] Ref ir-risposta ghat tielet mistoqsija ta’l-istqarrija Dok MT8 f’envelope fol 14 tal-process u l-ewwel depozizzjoni tieghu quddiem Dr Vincent Galea a fol 200 ta’l-atti ta’l-inkjesta fejn jirreferi ghal disgha pulizija.

jippruvaw idahhluh fiha. Huwa kompla jallega li meta haduh l-ghassa daru ghalih l-ewwel ghaxar pulizija, u mbaghad tlieta, qabdu jaghtuh u anke ilwewlu idejh[18]. Dan is-swat kollu ma halla l-ebda marka vizibbli u l-unika ilment li kellu l-imputat meta mar jinvistah it-tabib kien ugih f'spalltu!!

Illi skond l-allegazzjonijet ta'l-imputat is-swat ma waqafx hemm. Huwa jghid li l-swat kompla anke meta nhareg mic-cella wara li qabbad in-nar u ttiehed fir-reception area, meta qabduh il-pulizija barra l-ghassa u anke meta regghu haduh l-ghassa u hemm kaxkruh ma'l-art u anke taw bis-sieq.

Illi mir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri jirrizulta li apparti l-hruq estensiv li l-imputat kellu ma gismu l-imputat kellu zewg abrazzjonijiet zghar u zewg bdengiliet li kawzi jiffurmaw bdengiela wahda. Hu ma kellux ksur u jew xi griehi interni li setghu gew kawzati minn swat jew blunt trauma.

Illi l-abrazzjonijet li huma dettaljatament deskritti fir-rapport huma zghar hafna[19]. Ib-bdengiliet ukoll huma dreskritti dettaljatament u jidhru ukoll f'diversi ritratti[20]; skond Dr Scerri wahda minnhom hija kompatibbli ma blunt trauma u setghet giet kawzata minn qiegh ta' zarbun.

Illi l-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita l-konkluzzjoni ta'l-espert forensiku. Pero l-ezistenza ta' din id-dbengiela mhux necessarjament ghandha titqies bhala prova li l-imputat gie imsawwat mill-pulizija u dan aktar u aktar meta wiehed iqies l-isfond u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u partikolarment d-dinamika ta' l-incidenti kollha, u specjalment dak ta' wara l-hruq u l-harba ta'l-imputat mill-ghassa.

---

[18] Ref ir-risposta ghat tielet u ghat-tmein mistoqsija ta'l-istqarrija Dok MT8 fuq imsemmija u t-tieni depozizzjoni tieghu quddiem Dr Vincent Galea a fol 202 ta'l-atti ta'l-inkjesta.

[19] Dawn l-abrazzjonijet jidhru fir-ritratti 2, 3 u 4 f'l-istess relazzjoni.

[20] Ref ritratti numri 6, 7, 8 u 9.

Illi l-Qorti tixtieq tghamilha cara li l-vjolenza qatt ma tista tigi gustifikata pero min-naha l-ohra l-Qorti tifhem ukoll li l-pulizija jistghu isiebu ruhhom f'sitwazzjoni fejn ikollhom juzaw forza jew biex jiddefendu lilhom infushom jew biex jassiguraw li l-ordnijiet legittimi taghhom jigu esegwieti u biex jinzamm l-ordni pubbliku; naturalment il-forza uzata ghandha tkun mhux biss proporzjonata mal-perikolu jew ir-rezistenza li jkunu rinfaccjati bihom imma ghandha tkun biss dak il-minimu necessarju.

Illi mill-atti jirrizulta ex admissis li l-imputat irreziesta kull tentattiv tal-pulizija ghall-arrest tieghu; li kien vjolenti mal-pulizija; li ma obda l-ebda ordni lilu mghoti; li kien hu li intefa ma'l-art; li kien ta' perikolu mhux biss ghall-pulizija u ghall-terzi imma anke ghalih innifsu; li kien hemm episodji ta' taqbid meta l-imputat minn jeddu ( kif jirrizulta minn dak li jghid hu stess) intefa ma'l-art; u li dawn l-incidenti kienu kollha provokati mill-imputat. Il-Qorti hija sodisfatta li f'dawn ic-cirkostanzi l-pulizija kienet kostretta tuza forza u li uzat dik il-forza necessarja biex tikkontrolla lill-imputat. Il-Qorti hija sodisfatta ukoll li dawk l-abrazzjonijiet u dbengil gew ikkawzati minhabba it-taqbied li provoka l-imputat stess. Lanqas hemm dubbju li l-imputat kien konxju li kull incident provokah hu.

Illi, ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li l-pulizija sawwtu lill-imputat, ladarba l-pulizija m'ghamlu xejn li jista jitqies reat, fatt li l-imputat kien jaf, kull allegazzjoni ossia denunzja ta'l-imputat fil-konfront tal-pulizija ghandha titqies denunzja ta' reat li l-imputat kien jaf li ma sehhx. Konsegwentement hija pruvata ukoll s-simulazzjoni verbali ai termini ta'l-ewwel parti ta'l-artikolu 110(2).

Illi d-dsatax il-imputazzjoni hija dik dwar xhiedha falza u permezz taghha l-prosekuzzjoni qed tallega li waqt li l-imputat kien qed jixhed quddiem l-espert mahtur mill-Magistart Inkwirenti huwa halef il-falz.

Illi l-imputat xehed quddiem Dr Vincent Galea darbtejn (u mhux tlett darbiet kif indikat fic-citazzjoni) nhar it-22 u nhar il-25 ta' Novembru 2000. It-traskrizzjoni tad-

depozizzjonijiet tieghu huma esebieti a fol 200 u 202 ta'l-atti ta'l-inkjesta.

Illi ghal ragunijiet imsemmija fil-kunsiderazzjoni dwar l-ghoxrin il-imputazzjoni, u cioe li l-imputat irrakkonta fatti inveritjeri fuq il-mod kif trattaw mieghu l-pulizija huwa sufficjenti biex tissussisti anke id-dsatax il-imputazzjoni.

Illi pero hemm fatturi ohra li ndipendentement mis-suespost ukoll jikkostitwixxu xhiedha falza. Jirrizulta li meta l-imputat kien qed jixhed quddiem Dr Vincent Galea huwa rrakonta kif nduna li kien qabad nar, kif ukoll x'ra u x'ghamel immedjatament wara. Dan ir-rakkont ta' fatti huwa skreditat b'l-aktar mod assolut mill-espert tekniku il-Professur Alfred Vella fil-parti konklussiva tar-relazzjoni tieghu fejn ir-rakkont ta'l-imputat huwa deskritt bhala wiehed inveritjier.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi anke din id-dsatax il-imputazzjoni hija pruvata.

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik tar-recidiva. F'dan ir-rigward bhala prova giet prezentata sentenza datata 5 ta' Novembru 1996[21] li permezz taghha l-imputat gie ikkundannat multa ta' Lm300. Ghalhekk l-imputat ghandu jitqies biss recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 tal-Kap 9.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta'l-imputat, ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami, u l-imputazzjonijet li taghhom qed tinstab hati l-imputat u n-natura taghhom: huma kollha reati ta' natura serjissima.

Illi l-Qorti min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-unika persuna li garrbet griehi konsegwenza tan-nirien kienet l-imputat innifsu, u li ghalkemm ic-cella li nharqet garrbet hsarat konsiderevoli, b'l-intervent tempestiv taghhom il-pulizija kkontrollaw in-nirien f'hin

[21] Esebieta bhala Dok D a fol 128 tal-process.

qasir b'mod li d-danni u l-perikolu ghal terzi gew ikkontrollati malajr.

Illi minkejja dan u minghajr ebda dubbju l-unika piena li tista' taghti l-Qort fil-kaz in ezami hija wahda karcerarja u ghal perjodu li jirifletti s-serjeta tar-reati in ezami tenut kont ukoll tac-cirkostanzi hawn fuq imsemmija inkluz dawk li jistaw b'xi mod jitqiesu bhala attenwanti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 41(1)(a), 49, 91, 95, 96, 108, 109, 110(2), 152, 214, 216, 316(b), 317, 318, 325(1)(c), 338(bb), 338(dd), 338(ee), u 342 tal-Kap 9; l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, kif ukoll l-artikoli 34(d) u 35(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-hmistax il-imputazzjoni, is-sittax il-imputazzjoni u l-ewwel parti ta'l-ghoxrin il-imputazzjoni inkwantu tirreferi ghar-reat ipotizzat taht l-artikolu 110(1) u tilliberah minnhom, issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni, it-tieni imputazzjoni, it-tielet imputazzjoni, ir-raba imputazzjoni, il-hames imputazzjoni, is-sitt imputazzjoni, is-seba' imputazzjoni, it-tmien imputazzjoni in kwantu gew kawzati hsarat f'ammont li ma jeccediex il-€116.47, id-disa' imputazzjoni, l-ghaxar imputazzjoni, il-hdax il-imputazzjoni, it-tnax il-imputazzjoni, it-tlettax il-imputazzjoni, l-erbatax il-imputazzjoni, is-sbatax il-imputazzjoni, it-tmintax il-imputazzjoni, id-dsatax il-imputazzjoni, it-tieni parti ta'l-ghoxrin il-imputazzjoni u cioe dik taz-zewg forom ta' simulazzjoni ta' reat kontemplati f'l-artikolu 110(2), u li huwa recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 u ta' dawn l-imputazzjonijiet tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta' erbgha (4) snin u ghal multa ta' tlett mitt Euro (€300) ai termini ta'l-artikolu 35(b) tal-Kap 339. B'applikazzjoni ta'l-artikolu 109 tordna l-interdizzjoni generali ta'l-imputat ghal perjodu ta' ghaxar snin. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 15(2) tal-Kap 65 qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' erbgha (4) snin.

In konkluzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kap 9 l-imputat huwa ordnat ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €1698.65 rapprezentanti l-ispejjez ta'l-esperti

nominati f'l-atti ta'inkjesta; dan l-ammont ghandu jithallas fi zmien sitt xhur mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------